**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

**KUNSILL LOKALI ĦAMRUN** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 12, it-Tlieta 10 ta' Novembru 2015**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar i-Tlieta 10 ta' Novembru 2015 fis-6.00 filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**<u>Preżenti</u> (Seba' Kunsilliera)**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christian Sammut | Sindku |
| Is-Sur Vincent Bonello | Viċi Sindku |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Louise Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur Jurgen Carl Grixti | Kunsillier |
| Is-Sur Efrem Buttigieg | Kunsillier |

**<u>Talba</u>**

Il- Viċi Sindku, Vincent Bonello qal it-talba.

**02 Approvazzjoni tal-Minuti**

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 10 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Minuti ġew approvati unanimament.**

**03 Punti li joħorġu mill-Minuti**

Punt 05/01 Is-Sindku Christian Sammut infurma lill-membri li matul il-ġranet li għaddew sar vandaliżmu fuq il-cameras ta' Ġnien Anton Buttiġieġ. Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill għandu jagħmel il-pressjoni kollha meħtieġa sabiex dawn il-persuni, li huma tfal, jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż.

Punt 05/03 Il-Viċi Sindku Vincent Bonello staqsa dwar il-problema tad-Drenaġġ fi Triq Barth. Is-Sindku ta spjega tas-sitwazzjoni li sabu l-membri tas-Socjeta MUSEUM. Il-Viċi Sindku staqsa jekk dan is-servizz hux propjeta' privata għaliex f'dan il-każ il-Kunsill irid

joqgħod attent. Mil-lat tekniku, kieku jkun hemm ħruġ ta' drenaġġ, l-ilma jimxi taħt il-pedament u tisfronda t-triq, wara ftit taż-żmien u mhux wara seba' snin.

Punt 05/06 Is-Sindku staqsa lil Viċi Sindku dwar laqgħat fil-passat mal-Amministrazzjoni tal-Liċeo, fejn kienu talbu li ssir gate. Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello nfurma li kienet saret laqgħa mal-iskola u kien sar ftehim li l-iskola tagħmel talba formali lill-Kunsill. Barra minhekk kienet ġiet diskussa l-proposta li l-iskola tixtri l-materjal u x-xogħol isir bil-ħaddiema tal-Kunsill.

Punt 10/02 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa dwar ix-xogħol ta' culverts fi Triq Villambrosa. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk jistax isir l-istess ħdejn l-iscouts. Is-Sindku Christian Sammut spjega li idealment issir site inspection mal-kuntrattur responsabbli sabiex naraw jistax isir dan ix-xogħol.

Punt 10/04 Il-Viċi Sindku Vincent Bonello staqsa dwar l-installar ta' CCTV Cameras mal-letrini pubbliċi. Is-Sindku kkonferma li l-letrini ġew installati u qed jaħdmu. Il-Viċi Sindku Vincent Bonello, ppropona li issa li hemm dawn il-cameras m'hemmx għalfejn ikun hemm attendant mal-letrini. Is-Sindku spjega li l-attendant huwa mportanti li jkun preżenti, għaliex il-letrina tinżamm aktar nadifa filwaqt li jinqatgħu ċertu abbużi ta' vandaliżmu.

Punt 10/06 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni li l-periklu li kien hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp, faċċata tal-Pizza Prit, baqgħet eżistenti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li sar rapport l-Għassa tal-Pulizija dwar dan il-każ. Bħalissa l-Korp tal-Pulizija jinsab impenjat bis-Summit u bic-CHOGM u għaldaqstant jafu ma jdumu ma jieħdu azzjoni. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk hux possibli li l-Kunsill jaghmel xi tip ta' lqugħ sabiex dan il-periklu jitneħħa darba għal dejjem. Il-Viċi Sindku saħaq li l-Kunsill m'għandux iċedi għall-għażż u traskuraġni ta' ċertu nies. Il-Kunsilliera Efrem Buttiġieġ issekondat mill-Kunsillier Antonello Cuschieri saħħqu li l-Kunsill m'għandux iħalli dan il-periklu. Għaldaqstant għandha tinstab soluzzjoni, bl-approvazzjoni tal-Pulizija sabiex isir xi tip ta' lqugħ.

Il-Kunsill qabel li jsir kuntatt mal-Pulizija u jimxi skont kif ikun iggwidat mill-Pulizija.

## 04 Festival taċ-Ċikkulata 2015

Is-Sindku spjega li l-Festival taċ-Ċikkulata għadda u bħal kull ħaġ'oħra, l-Kunsill jara x'nuqqasijiet kien hemm sabiex ma jerġgħux jirrepetu ruħhom. Iżda inġenerali kollox mar tajjeb ħafna u l-Festival ta' din is-sena kien imfaħħar ħafna, kemm mill-vendituri kif ukoll mis-sidien tal-ħwienet u għaqdiet. Is-Sindku, Christian Sammut irringrazzja lil kull min ta sehmu fl-organizzar ta' dan il-festival, b'mod speċjali lill-kunsilliera.

Is-Sindku spjega r-rendikont finanzjarju, fejn ħareġ ċar li l-Kunsill se jkun qed joħroġ l-ammont ta' ftit aktar minn € 5000 sabiex jifdi l-ispejjeż kollha. Is-Sindku spjega li dan l-ammont huwa medja tal-ammont li normalment joħroġ il-Kunsill kull sena u din is-sena l-Kunsill mexa bil-għaqal aktar, meta tqis li s-Segretarjat naqqas il-fondi għal dan il-festival, minn € 5000 għal € 3000.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ irrimarka li kien iddiżappuntat li l-palk ċentrali kien maqtugħ miċ-Ċentru, meta tqis li kien spettaklu tajjeb ħafna. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ issuġġerixxa li għas-sena d-dieħla l-palk ikun f'zona aktar ċentrali.

Il-Kunsillier Carmen Borg ġibdet l-attenzjoni li l-Festival qed jitlef l-identita' tiegħu, b'kulħadd irid ikun armat fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Il-Kunsillier Carmen Borg saħqet li huwa mportanti li l-Kunsill jibqa' jenfasizza mal-ko-ordinatur tal-attivita', sabiex l-istands jibqgħu

jintramaw fis-side roads u mhux fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Barra minhekk, il-Kunsillier Borg, infurmat lill-membri li waqt il-festival rċeviet bosta telefonati minn persuni tal-artiġġjanat, fejn kellmuha ħażin u b'mod dispreġġjattiv għaliex kienu maqtugħin miċ-ċentru tal-attivita'.

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello nfurma lill-membri li hu m'attendix għall-festival għaliex kellu attivita' familjari u għar-raġuni li l-Festival reġa' tqabbad l-istess ko-ordinatur li matul dawn l-aħħar sentejn waqqa' l-livell tal-Festival. Il-Viċi Sindku rrimarka li din il-persuna xekklet il-festival, anke għall-fatt li lanqas biss avviċinat lill-Kumpanija Maypole sabiex tarma stand tal-ikel u ħelu, bħalma kien isir fil-passat, għar-raġuni li s-Sur Mario Camilleri kellu xi jgħid mad-Diretturi tal-Kumpanija Maypole. Il-Viċi Sindku nfurma lill-Kunsill li s-sena li għaddiet, ltaqa' mas-Sur Mario Debono u staqsih għaliex ma pparteċipax bl-istands, bħalma kien isir fil-passat u nfurmah b'dan kollu. Jidher li din is-sena s-sitwazzjoni baqgħet l-istess. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li Kumpanija bħal din għandha tibqa' tieħu sehem f'dan l-attivita'.

Is-Sindku Christian Sammut saħaq li s-Sur Mario Camilleri din is-sena għamel xogħol tajjeb ħafna u mexa mal-istruzzjonijiet kollha mogħtija lilu mill-Kunsill.

Il-Viċi Sindku staqsa wkoll għaliex il-Konferenza Stampa ma nżammitx fil-premises tal-Kumpanija Benna, li kienet l-isponsor ewlieni tal-attivita'. Is-Sindku nfurmah li l-Kunsill mhux marbut li jorganizza l-Konferenza Stampa f'post partikolari, iżda kien marbut, mis-Segretarjat, sabiex jorganizza Konferenza Stampa attraenti, sabiex ma jerġax jiġri bħas-sena li għaddiet u nispiċċaw bil-Press ma tiġix, għaliex ta' min isemmi li lanqas is-sena ta' qabel il-Konferenza ma nżammet għand il-Kumpanija Benna. Kien għalhekk li l-Kunsill għażel li jorganizza l-Konferenza Stampa għand Elia Caterers. Barra minhekk, Benna kienu preżenti għall-Konferenza Stampa u kellhom anke Banner li juri l-parteċipazzjoni tagħhom.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni li l-Ħamis li għadda tela' post fuq facebook dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill, permezz ta' Wirja dwar il-Festival taċ-Ċikkulata, fil-Birgu u l-membri tal-Kunsill ma ġewx infurmati mill-uffiċċju. Is-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Carmen Borg infurmaw lill-membri li din l-attivita' ġiet fuq il-Kunsill ħabta u sabta u l-impjegati tal-Kunsill kellhom ħafna ġenn sabiex jippreparaw ir-ritratti għall-istand. Dan minbarra li l-uffiċċju kellhom ħsarat fis-sistemi tan-Network u Printers u damu ħafna biex tellgħu l-materjal.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li s-Segretarju Eżekuttiv telgħet darbtejn il-Birgu bil-materjal u darb'oħra tela' r-raġel tagħha b'aktar materjal biex l-istand ikun armat b'mod adegwat.

Il-Kunsillier Carmen Borg pproponiet li għas-sena d-dieħla, l-Kunsill jaħdem libsa taċ-ċikkulata li tintlibes minn tifel jew tifla u joqgħod idur biha fit-toroq tal-festival.

Is-Sindku Christian Sammut ippropona li l-Kunsill jagħmel sett kostumi sabiex jintlibsu minn persuni mill-Ħamrun waqt il-Festivals li jiġu organizzati mill-Kunsill.

## 05 Ħamrun LC Car Park Agreement

Is-Sindku, Christian Sammut nfurma lill-membri li ltaqa' mad-Direttur tal-Kumpanija MCP dwar it-tiġdid tal-Kuntratt tal-Kirja tal-Parkeġġ, fejn il-Kunsill ippropona li tiżdied il-kirja b'persentaġġ, skont kif stipulat fil-Liġi. Il-Kumpanija MCP irrimarkat li ma jidhirx li se jkun hemm surplus fid-dħul u mhux se jkopri l-persentaġġ mitlub mill-Kunsill.

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello fisser li l-ewwel problema li l-Kunsill iltaqa' magħha kienet mal-Kumpanija Parkwell, fejn dawn kienu offrew l-**għola** offerta għas-somma ta' €44,000,

iżda lill-Kunsill ħolqu bosta problemi. B'konsegwenza t'hekk, il-Kunsill fis-sitwazzjoni li ġab il-Parkwell, li flok għolla l-valur tiegħu, bit-tmexxija ħażina offruta minn Parkwell, il-Kunsill kellu jbaxxi l-prezz tal-offerta. Iżda meta daħlet il-Kumpanija MCP ra l-kambjament, għaliex din il-Kumpanija nvestiet f'ħafna tagħmir li għamel parkeġġ serju u nadif. Il-Viċi Sindku fisser li jekk forsi bħalissa s-sitwazzjoni mhix tajba, l-Kunsill għandu jevalwa l-possiblitajiet kollha u għaldaqstant ir-rata għandha togħla skont l-influss. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jieħu parir mingħand Avukat jew Nutar dwar il-kuntratt u l-Kunsill jara x'jiġi suġġeriet dwar din il-proposta. Il-Viċi Sindku fakkar li l-Kunsill kien sab diffikultajiet mad-Dipartiment tal-Artijiet minħabba li kien proġett fil-bidu tiegħu, ma setgħetx tiġi evalwata l-kera tiegħu, kemm għandha tkun.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ippropona li l-Kunsill jieħu parir professjonali u jaqbel li l-Kunsill jibqa' bil-ftehim ta' 50%-50% Profit u l-kirja togħla b'persentaġġ fis-sena.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ikkonferma li hu jaqbel li l-kirja togħla b'persentaġġ kull sena.
Il-Kunsilliera Jurgen Carl Grixti kkonferma li hu jaqbel li l-kirja togħla b'persentaġġ kull sena.

Il-Kunsillier Carmen Borg ikkonfermat li taqbel li l-kirja togħla b'persentaġġ kull sena, għaliex b'hekk il-Kunsill ikun moħħu mistrieħ minn dħul sigur.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsill qabel li jittieħed parir legali u wara jiltaqa' għal deċiżjoni.

## 06 Tender 'Collection of Mixed Household Waste'

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li s-Sejħa għall-Offerti għat-tender 'Collection of Mixed Household Waste' għalqet il-Ġimgħa 6 ta' Novembru 2015.

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni jkun kompost minn;

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier responsabbli mill-Ambjent
Carmen Borg – kunsillier
Antonello Cuschieri – kunsillier
Is-Sur Ray Pellicano

Il-Viċi Sindku staqsa għaliex kellu jiddaħħal is-Sur Ray Pellicano fit-tfassil ta' dan it-tender document u staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kellhiex dokumenti sabiex it-tender tinħareġ minnha, kif mitlub mill-Liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li hi kellha kopja ta' ħafna tender documents iżda xtaqet li tingħata parir minħabba n-natura teknika tat-tender document.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li s-Sur Ray Pellicano se jkun fuq il-bord iżda ma jistax jipparteċipa fid-deċiżjoni tal-Kunsill.

## 07 Korrispondenza

### 07/01 Dr Chris Cilia

Is-Sindku nfurma lill-membri bis-sitwazzjoni tal-Mini Buses li jiġbru l-istudenti tal-Iskola 'Immaculate Conception', fejn dawn ix-xufiera jidħlu minn Triq Adelaide Cini u joħorġu minn Triq il-Franġiskani. Is-Sindku fisser id-diffikultajiet tal-mini buses u ssuġġerixxa li titressaq it-talba ta' dawn ix-xufiera għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

**07/02 Special Parking Permits**

Il-Kunsill Lokali Ħamrun approva l-ħruġ tal-iSpecial Parking Permits.

**07/03 Talba għal Refund – Ħofra fi Triq it-Tramm**

Il-Kunsill iddiskuta din it-talba. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill m'għamel l-ebda xogħlijiet f'din it-triq ġdida u l-uniku permess li ngħata huwa lil Go plc, imma t-trinka tinsab ferm 'l fuq mill-ħofra msemmija fl-ittra. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li ssir verifika tal-ħofra.

**07/04 Ruth Mangion f'isem ir-Residenti ta' Triq Lord Byron.**

Il-Kunsill iddiskuta din it-talba. Il-Viċi Sindku nfurma lill-membri li qabel l-elezzjoni tal-Kunsill kien ġie deċiż li għalissa din it-talba tibqa' pendenti sakemm tinqata' l-kawża legali bejn il-Kumpanija LIDL u l-Kunsill Lokali Santa Venera, li għandhom diżwgit dwar it-traffic management ta' Misraħ il-Barrieri.

Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li jinfurma lir-residenti permezz ta' korrispondenza nformattiva dwar is-sitwazzjoni preżenti dwar din it-talba.

**08 Korrispondenza**

**08/01 Skema Attivitajiet Kulturali**

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-applikazzjoni għall-attivita' Kulturali "Il-Purċissjoni tal-Bambin" ma ġietx approvata, għaliex ġiet meħuda bħala attivita' reliġjuża u mhux kulturali.

Wara diskussjoni dwar din id-deċiżjoni, s-Sindku ppropona li l-Kunsill jorganizza xorta waħda din l-attivita'. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**08/02 Talba għal Refund minħabba ħofra fi Triq it-Tramm**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill m'għamel l-ebda xogħol ta' manutenzjoni f'din it-triq. Barra minhekk, jidher li hemm ġebla qed tagħlaq ħofra u x'aktarx hija xi servizz ta' xi entita'.

Għaldaqstant ġie deċiż li nistaqsu lill-Kumpanija GO u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jekk din il-ħofra għandhomx xi servizzi għaddejjin minnha.

**08/03 Konferenza Annwali ANSEK**

Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv tattendi għal din il-Konferenza.

**09 Skeda ta' Ħlasijiet**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista għall-ħlasijiet li rċieva l-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 10 Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti

### 10/01 Skema Attivitajiet Kulturali 2016

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill se japplika għal tlett attivitajiet kulturali li huma; Il-Festa tal-Baned fil-Karnival, Il-Ħamrun matul iż-Żminijiet u l-Festival taċ-Ċikkulata.

### 10/02 Ikla tal-Milied

Is-Sindku nfurma lill-membri li bħalma jsir kull sena, l-Kunsill se jorganizza Ikla fl-okkażjoni tal-Festi tal-Milied. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill se jkun qed iħallas l-ikla għall-membri tal-Kunsill, filwaqt li l-partners għandhom iħallsu l-ikla tagħhom.

Ġie maqbul li l-ikla tinżamm wara l-Festi tal-Milied.

### 10/03 Ringrazzjament lill-Kappillan Fr Henry Balzan

Is-Sindku nfurma lill-membri li bħalma jaf kulħadd, il-Kappillan Fr Henry Balzan mhux se jibqa' Kappillan tal-Parroċċa San Gejtanu u ġie propost li tiġi organizza attivita' żgħira bejn il-Kunsill u l-għaqdiet tal-lokalita'. Is-Sindku nfurma li se jkun qed iħeġġeġ lill-għaqdiet jagħtu donazzjoni lil Fr Henry sabiex jeħodha miegħu ċ-Ċili.

Is-Sindku ppropona li jsir ftit finger food, soft drinks u ftit inbid.

Il-Kunsill approva din l-attivita'.

### 10/04 Stima Faċċata tal-Kunsill

Is-Sindku nfurma lill-membri li nġabru stimi għal tisbiħ tal-faċċata tal-Kunsill, l-parti fejn qatt ma tkompla. Is-Sindku fisser li l-istimi huma ftit għoljin għaldaqstant qed jipproponi li nitkellmu mal-aktar kumpanija vantaġġjużi sabiex tieħu spazju għal reklamar u b'hekk il-prezz jiġi orħos. Dan ix-xogħol mistenni jiġi madwar € 600 u l-Kunsill għandu jaħdem sabiex isib sponsors biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż li se jkun hemm.

### 10/05 Laqgħa mar-Residenti ta' Triq Wenzu Mallia u l-madwar

Is-Sindku nfurma lill-membri li se tinżamm laqgħa mar-residenti ta' Triq Wenzu Mallia u l-madwar sabiex jittieħed feedback dwar it-traffic management li kien sar ftit tas-snin ilu. Din il-laqgħa se tinżamm it-Tlieta 24 ta' Novembru 2015, fis-6.30p.m. fis-Sala tal-Kunsill.

### 10/06 Kuntratt tal-iStreet Lighting fil-Ħamrun

Is-Sindku talab lil Viċi Sindku aktar informazzjoni dwar il-kuntratt tal-iStreet Lighting fil-Ħamrun. Il-Viċi Sindku nfurma li n-Northern Harbour District Joint Committee ilu xolt is-snin u għaldaqstant il-Kunsill m'għandux jibqa' jħallas għas-servizz tiegħu.

Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku jagħmel kuntatt mas-Segretarjat għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill ikollu direzzjoni dwar x'għandu jsir mil-lum 'l quddiem, dwar dan is-servizz.

**10/07 Bini ta' Night Shelter/Day Centre/Ċentru Ċiviku**

Is-Sindku nfurma lill-membri li twaħħal il-PA No tal-permess in konnessjoni mal-Proġett li mistenni jsir fil-Pjazza tal-Kunsill, mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali, liema proġett se jkun iffinanzjat kollu mill-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ issuġġerixxa li r-residenti ta' Triq id-Duka t'Edinburgh jigu nfurmati b'dan il-proġett għaliex dawn se jiġu milquta direttament.

Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jsir dan il-proġett.

**10/08 Żebgħa ta' U-Bars**

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni li beda jsir xogħol ta' żebgħa fuq il-U-Bars li hawn fit-toroq tal-Ħamrun mingħajr ma ġew ikkonsultati l-membri tal-Kunsill dwar il-kulur tal-u-bars. Il-Viċi Sindku fakkar li f'Kunsill preċedenti kien ressaq xi abbozzi għall-approvazzjoni. Għaldaqstant huwa mportanti li ssir l-istess konsultazzjoni qabel jitkompla x-xogħol. Is-Sindku filwaqt li jifhem il-proposta tal-Viċi Sindku, fakkar lill-membri li din il-proposta tieħu ħafna xogħol u l-Kunsill la għandu l-ħaddiema u lanqas il-ħin biex dawn isiru. Barra minhekk U-Bars b'ħafna kuluri ma jagħtux sabiħa u ta' uniformita'.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssekondat mill-kunsillier Efrem Buttiġieġ talbu li dawn l-*issues* jiġu diskussi qabel tittieħed inizzjattiva.

**Il-Kunsillier Louise Portelli talbet li tkun skużata mil-laqgħa. Il-Kunsillier Louise Portelli ħarġet mil-laqgħa fit-8.15p.m.**

**10/09 Ittra lit-Take Aways tal-Ħamrun**

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab li tibda titqassam l-ittra li pprepara lit-Take Aways tal-Ħamrun.

**10/10 Tkomplija ta' xogħlijiet ta' żebgħa u Talbiet Oħra**

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab sabiex jitkompla x-xogħol ta' żebgħa tat-toroq fi Triq Turu Lentini u Triq l-Għasafar. Barra minhekk talab li jsir xogħol ta' repainting ta' Reserved Parking li tinsab fi Triq Mountbatten. Barra minhekk huwa mportanti li tiġi nstallata tabella 'Reserved for Disabled' għaliex xorta qed isir parkeġġ abbużiv.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li tintbagħat talba lil Transport Malta għall-installar ta' Bus Shelter fi Triq Kappillan Mifsud, fl-area tal-LIDL, tintbagħat talba għat-tneħħija ta' Bus Stop fi Triq il-Kbira San Ġużepp, fl-area tal-Ex Radio City u ssir talba għall-installar ta' Zebra Crossing ġdida fi Triq il-Kbira San Ġużepp bejn il-Bank of Valletta u l-Kappella ta' Nuzzo.

10/11 Ilmenti mill-Kunsilliera

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ġibed l-attenzjoni li hemm ħsarat fil-pavimentar ta' Triq Atocia. Il-Kunsillier Grixti talab li jiġi nstallat doggy bin fi Triq San Vincenz.

Il-Kunsillier Carmen Borg talbet li jiġi nstallat doggy bin fi Triq San Gejtanu, ħdejn it-Torri

Il-Kunsillier Antonello Cuschieir talab li jiġi nstallat doggy bin fl-area tal-Blata l-Bajda

10/12 Attivitajiet mis-Sotto Kumitat Kultura, Edukazzjoni u Anzjani

Il-Kunsillier Carmen Borġ fakkret lill-membri li se jiġu organizzati Weekend Break għar-residenti u Country Night.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li l-attivita' fl-okkażjoni tal-Festi tal-Milied, għall-anzjani se tinżamm fis-7 ta' Jannar filwaqt li se tinżamm attivita' għat-tfal f'Popeye's Village.

Il-Kunsillier Carmen Borg talbet li tinżamm Ċerimonja Qasira ta' kommemorazzjoni lill-Vittimi Ħamruniżi permezz ta' tqegħid ta' fjuri/kuruni fuq il-Monument li jinsab f'Misraħ il-Vittmi Ħamruniżi, liema attivita' qed tiġi ppjanat għall-Ħadd 22 ta' Novembru 2015.

Il-Kunsill approva din l-attivita'.

Is-Sindku nfurma lill-membri li bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill se jkun qed jgħin fit-tiżjin ta' Triq il-Kbira San Ġużepp, billi jħallas il-konsum tad-dawl. Il-Kunsillier Carmen Borg proponiet li jsiru hollies tal-Milied mal-arbli tal-Kunsill, sabiex ikunu qed jikkumpilmentaw mat-tiżjin ta' din it-triq. Il-Kunsill approva din l-inizzjattiva.

Is-Sindku nfurma lill-membri li sart CCTV Camera quddiem Barun Bar, bil-problema li ċ-ċitazzjonijiet qed jinħarġu fuq il-Ħamrun meta fil-fatt din il-parti tat-triq tagħmel parti mil-lokalita' ta' Sta Venera.

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-festin ta' ringrazzjament għad unur il-Kappillan Fr Henry Balzan se jinżamm l-Erbgħa, 9 ta' Diċembru.

**13 Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015 fis-6.00p.m.

| | |
|---|---|
| __________________ | __________________ |
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

____________________

DATA